Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8762 — ArcelorMittal/CLN/CSM)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 64/10)

1. Fid-9 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— ArcelorMittal SA ("ArcelorMittal", il-Lussemburgu),

— CLN — Coils Lamiere Nastri SpA ("CLN", l-Italja),

— Industeel Belgium SA ("Industeel", il-Belġju), ikkontrollata minn ArcelorMittal,

— ArcelorMittal CLN Distribuzione Italia srl ("AMCLN", l-Italja), ikkontrollata minn ArcelorMittal u CLN, u

— Centro Servizi Metalli SpA ("CSM", l-Italja).

ArcelorMittal u CLN jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' CSM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— l-impriża ArcelorMittal: il-produzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' prodotti lesti u parzjalment lesti tal-azzar, inklużi prodotti ċatti tal-azzar bil-faħam u prodotti twal tal-azzar bil-faħam u l-provvista ta' prodotti tal-azzar ta' kwalità fis-swieq kbar dinjija tal-azzar inklużi dawk tal-karozzi, tal-kostruzzjoni, tal-apparati domestiċi u tal-imballaġġ,

— l-impriża CLN: id-distribuzzjoni permezz ta' ċentri ta' servizzi tal-azzar; il-produzzjoni tar-roti tal-azzar għall-karozzi, muturi, vetturi kummerċjali u industrijali u l-produzzjoni ta' komponenti ppressati għall-karozzi u l-vetturi kummerċjali,

— l-impriża CSM: id-distribuzzjoni tal-azzar li ma jsaddadx permezz ta' ċentri tal-oxycutting.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8762 — ArcelorMittal/CLN/CSM

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.